MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 674/2003

**Childcare Services Limited**

**Vs**

**Spot on Gypsum Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ April 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm743.75 (sebgha mija tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rappresentanti rimbors ta’ prezz ta’ bieb tal-hgieg.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` konvenuta ghandhom ihallsu s-somma ta’ Lm743.75, liema somma tirrapresenta rimbors ta’ prezz li gie imhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghal bieb tal-hgieg, liema bieb ma sarx skond l-arti u s-sengha,

bil-konsegwenza li f'zewg okkazzjonijiet konsekuttivi l-istess bieb tal-hgieg inkiser wahdu minghajr ebda intervent ta' terzi, u s-socjeta` attrici ghadha sallum minghajr bieb ghalkemm hallset lis-socjeta` konvenuta s-somma hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-bieb kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana wkoll stante li x-xogholijiet in kwistjoni saru skond l-arti u s-sengha u fi kwalunkwe kaz s-socjeta` konvenuta mhux responsabbli ghall-ksur jew hsarat tal-bieb in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi tirrizulta kwistjoni fuq zewg bibien tal-hgieg li gew ordnati lil u suppliti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta. Iz-zewg bibien konsistenti b' frame ta' l-aluminium u hgieg inkluz. Meta s-socjeta' attrici bidlet il-formitur/stallatur ma kelliex problemi aktar.

Is-socjeta' attrici qed titlob lura l-ammont in rifuzjoni tal-flus minnha mhallsa lis-socjeta' konvenuta.

Fil-waqt li x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici jesponu t-tezi attrici dawk tas-socjeta' konvenuta jesponu l-invers. Il-formitur il-gdid tal-bibien il-godda xehed li meta wahhlu l-bieb taghhom ma uzaw xejn mill-ewwel zewg bibien ghax ma kien xejn tajjeb u hekk jibdel kollox tajjeb . L-alignment ma kienx kif suppost u b' hekk hu jkun ikkrepat u jfaqqa. Anki l-"floor closer" kellu jinbidel.

Da parti tieghu, Domenic Abela f'isem - socjeta' konvenuta xehed li x-xoghol min ghamlu sar kif suppost.

Konferma ta' dan ipproduca lil Mario Tonna formitur tal-hgieg.

Illi jibqa pero' il-hgieg tal-bibien stallati mis-socjeta' konvenuta nkissru. Ma sarx access u mill-ebda parti, kif ukoll mill-formitur tat-tielet bieb (prodott mis-socjeta' attrici) li t-tempered glass ma kienx tal-kwalita rikjesta.

Li jibqa pero' allura jirrigwardja il-frame tal-aluminium u l-istallar maghmul ese admissis mis-socjeta' konvenuta.

Kif xehed Robert Forace (Fol19) l-ewwel darba l-bieb inkiser quddiemu, u t-tieni mar biex jiftah u sab munzell hgieg. Tant ma kienx stallat kif suppost li apparti dan il-formitur tat-tielet bieb kellu jibdel kollox! Inoltre la kien alliment u lanqas centrat. Ghalhekk infaqghu fi zmien relattivament qasir wara certu uzu. It-tielet wiehed ghadhu urgenti.

Illi l-oneru tal-attur huwa li jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta' probabilta, mhux ta possibilita. Dana l-oneru gie esegwit tant li ma ngabet l-ebda prova kontrarja li l-kagun tal-giustur seta kien haga estrem.

Illi l-ammont preciz ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanha thallas is-somma ta' Lm743.75 bl-interessi u spejjes kif mitluba mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------